MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1174/2005

**Atlas Insurance Limited – C5601 kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurata taghhom Ruth Jones I.D.38274M – u l-istess Ruth Jones f'isimha proprju**

**vs**

**Tommy Mallia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju, 2005 fejn intalbet is-somma komplessiva ta' mija u hamsa u tletin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm135.97), jew somma verjuri, danni mhallsa mis-socjeta` attrici fuq vettura CBE-596, assigurata comprehensive, hlief ghall hamsin lira (Lm50) excess, u ghall liema somma s-socjeta` attrici tinsab surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha**

**Ruth Jones, u dan b'rizultat ta' habta li grat fil-25 ta' Settembru, 2004, gewwa l-Furjana, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura AAD-715 habat mal-vettura CBE-596 ta' Ruth Jones u misjuqa minnha, u ghall liema incident hu kien unikament responsabbli.**
**Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tad-29 ta' Ottubru, 2004, u tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Mejju, 2005, u bl-imghax tat-8% fuq mija u hamsa u tletin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm135.97) mill-4 ta' Mejju, 2005 sal-hlas effettiv, u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz, rikjesta mill-ligi, kontra Untours Insurance Agency Ltd. bhala agenti ta' Qatar Insurance, assiguraturi tal-konvenut, u nkluz hmistax-il lira (Lm15.00) consult, u bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-14 ta' Gunju, 2005, fejn intqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti billi kienet l-assikurata tas-socjeta` attrici stess responsabbli ghall-incident mertu ta' dan l-avviz.**
**Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**
**Semgha x-xhieda ta' W265 Mark Aquilina, W267 Samuel Micallef, Andrew Vella u Ruth Jones. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta' Settembru, 2004, fi Triq Sant Anna, Floriana, bejn il-vettura numru CBE-596 misjuqa minn Andrew Vella u proprjeta` ta' Ruth Jones u l-vettura bin-numru AAD-715 misjuqa minn Tommy Mallia. L-incident sehh bil-lejl.**
**2. Il-versjoni moghtija mill-attur fir-road accident report kienet li waqt li miexi fid-direzzjoni ta' tas-Sliema, il-konvenut f'daaqa kiser fuqu minghajr ma xeghel indicator. Fl-istess rapport il-konvenut jghid li xeghel l-indicator biex iddur lejn ix-xellug ghat-triq tal-Polyclinic, u l-attur pprova jaqbzu minn gewwa.**

**3. Fix-xhieda taghhom sija Vella kif ukoll Mallia baqghu jsostnu l-istess.**
**4. Jirrizulta li meta Vella ntebah li l-attur kien qed jikser, ghafas brake u gibed ukoll lejn ix-xellug, u ghalhekk spicca kif indikat fl-isketch, forsi ftit aktar lejn il-bankina milli indikat.**
**5. Mallia jikkonferma li kien fil-karreggata tan-nofs. Jghid li kien ghaddej b'xi 15 jew 20kfs. Jghid ukoll li dejjem baqa' ghaddej fl-istess karreggata. Rilevanti li l-istess konvenut jghid li ma jafx jekk kienx hemm karrozzi ghaddejjin fuq in-naha tal-lemin, u lanqas fuq ix-xellug. Il-konvenut kien naqqas qabel ma beda jdur, u jghid li kien beda jdur minn hejn hemm indikati il-brake marks.**
**6. Il-konvenut intlaqat fin-nofs fuq in-naha tax-xellug. Ma jistghax ma jinghadx li l-konvenut kien qieghed fil-karreggata il-hazina ghall-manuvra li ried jaghmel, ghaliex necessarjament kien ser jaqsam il-karreggata interna biex jikser ghal fuq ix-xellug. Inoltre ma jirrizultax li l-konvenut uza xi diligenza partikolari biex ghamel il-manuvra, tenut kont ukoll li kien bil-lejl. Mhux biss jidher li ma waqafx, izda jirrizulta wkoll li lanqas ma ra lill-attur gej. Hemm provi konfliggenti dwar jekk kellux l-indicator mixghul. Mill-lat l-iehor l-attur jghid li ried jiehu il-karreggata tal-Msida u jghid li kien ilu miexi imtarrag mal-konvenut. L-attur jghid li kien bil-quddiem tal-vettura tieghu mal-wara tal-vettura tal-konvenut. Pero` li kieku kien hekk, malli l-konvenut kiser kienet mall-ewwel issehh il-kollizzjoni. Ghalhekk jidher li kien hemm ukoll nuqqas ta' proper look out ukoll da parti tal-attur. Pero` ghall-incident ghandu grad ta' responsabilita` akbar il-konvenut. Ghalhekk it-Tribunal qed jattribwixxi zewg terzi tar-responsabilita` lill-konvenut u terz lill-attur.**
**7. Id-danni mhumiex kontestati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut responsabbli fi grad ta' zewg terzi ghall-incident *de quo* u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbghin lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm40.64), u lill-attrici Ruth**

**Jones is-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50.00), bl-imghax legali dekorribbli mill-lum sal-hlas effettiv.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-zewg terzi mill-konvenut u terz mill-attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------